

Jaqbżu r-rampa

# Logħob għaż-Żgħażagħ

Nhar il-Ħadd 16 ta' Awwissu, tard filgħaxija, il-pjazza tar-raħal tax-Xagħra inbidlet f'arena sportiva fejn ġiet organizzata t-18 l-edizzjoni tal-Logħob Żgħażagħ Vittorja.

Dan il-logħob li huwa uniku fil-Gżejjer Maltin, huwa mibni fuq l-istorja u l-folklor ta' Malta u tax-Xagħra. Infatti dan il-logħob jinkludi l-bini tal-Ġgantija, il-miġja ta' Ulisse ġewwa Għawdex u l-laqgħa ma' Calypso, it-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta, l-Assedju l-Kbir u bla dubju l-festa tal-Bambina u l-atmosfera tal-festa ġo l-irħula Maltin u Għawdxin.

F'dan il-logħob ħadu sehem madwar mitt żagħżugħ u żagħżugħa li kienu maqsuma f'erba timijiet bl-ismijiet marbuta wkoll mar-raħal tax-Xagħra li huma, Odissini, Sanvernini, Ġiganti u Sansuniti. Il-logħob kien wieħed bilanċjat sal-aħħar fejn it-tim tas-Sansuniti ħarġu rebbieħa b' 25 punt segwiti mis-Sanvernini bi 23 punt.



Il-logħba tal-Franċiżi

Dan il-logħob ta bidu għall-festa tax-Xagħra u jsir ta' kull sena, ħmistax qabel il-festa tal-Bambina u jiġi organizzat mix-*Xagħra Youth Centre* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xagħra.

# Lejla ta' Divertiment

It-Taqsima tal-Prevenzjoni Primarja tal-Fondazzjoni OASI, tellgħu t-18-il edizzjoni tal-Festival Riflessi Sajfin, fil-Menqa, tal-Bajja ta' Marsalforn.

Bħas-snin l-imgħoddija, l-festival kien wieħed ta' suċċess, b'għadd ġmielu ta' artisti jieħdu sehem u b'mijiet ta' Maltin, Għawdxin u barranin fl-udjenza. Il-palk kien armat bl-aktar teknoloġija moderna ta' dwal (MICHO) u ħoss (*Prostage Sound*) u din is-sena kien



Bernice Mercieca



Marisa Galea

mżejjen bil-preżenza ta' Deborah C u Joseph Xuereb li ppreżentaw din l-edizzjoni.

Il-Fondazzjoni OASI torganizza dan il-festival kull sena għal tliet għanijiet. L-ewwel għan ta' Riflessi Sajfin huwa il-promozzjoni tat-talent lokali bħal attività alternattiva ta' interess mingħajr periklu billi l-OASI tipprovdi għall-aspiranti artisti żgħar l-opportunita' biex huma jesibixxu t-talenti tagħhom quddiem pubbliku wiesa' fuq palk armat b'mod professjonali. It-tieni għan huwa dak li l-OASI jkollha l-opportunità li twassal il-messaġġi preventivi tagħha lill-pubbliku. Fl-aħħarnett, permezz ta' Riflessi Sajfin l-OASI tkun tista' turi l-gratitudni tagħha lejn il-pubbliku tal-appoġġ tiegħu matul is-snin lill-istess Fondazzjoni.

Kelliemi għall-kumitat organizzattiv qal lil *The Maltese Herald* illi l-OASI tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha artisti u voluntiera li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom f'din l-attività.



Manuela Attard

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Il-logħba tal-Assedju



*Uħud min-nies li attendew għall-BBQ b'riżq il-Fondazzjoni Arka*

## Mijiet ta' Muturi fil-Parkeġġ tar-Rabat

Għat-tieni sena konsekuttiva ġie organizzat BBQ b'riżq il-Fondazzjoni Arka fil-parkeġġ tal-Belt Victoria.

Għal dan il-BBQ seta' jattendi kulħadd, iżda ċertament kienet lejla speċjali għal dawk kollha li jħobbu jew li għandhom xi mutur. Mijiet ta' muturi minn Malta u Għawdex ħadu sehem u kienet serata verament divertenti.

Biex tkompli tisbieħ l-atmosfera ħadu sehem ukoll diversi *Rock Bands* bħal *Loose Ends, Inner Grey* u *Traffic Daze*.



*Waqt l-attivita' b'riżq il-Fondazzjoni Arka, fil-parkeġġ tar-Rabat*


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***